Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,895, 22 ta' Lulju, 2022

Taqsima B

A.L. 209 tal-2022

ATT DWAR IL-KONVENZJONI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA DWAR ID-DRITTIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ (KAP. 627)

Regolamenti tal-2022 dwar il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5(3) u 8 tal-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, il-Ministru responsabbli għad-diżabilità u għall-iżvilupp ta' dan is-settur għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I – DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 dwar il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mal-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 627.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għad-diżabilità u għall-iżvilupp ta' dan is-settur jista', b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet u, jew għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

" "Att" għandha tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att"; Kap. 627.

"DDI" għandha tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"ENGAGE" għandha tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fl-Att;

"Konvenzjoni" jew "UNCRPD" tfisser il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità adottata mill-Assemblea Ġenerali permezz tar-riżoluzzjoni 61/106 tat-13 Diċembru 2006 li daħlet fis-seħħ fit-3 ta Mejju 2008, li ġiet iffirmata mill-Gvern ta' Malta fit-30 ta' Marzu 2007 u rratifikata fl-10 ta' Ottubru 2012;

"Ministru" għandha tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija

lilha fl-Att;

"organizzazzjoni volontarja reġistrata" għandha tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lil "organizzazzjoni volontarja" fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Kap. 492.

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għad-diżabilità u għall-iżvilupp ta' dan is-settur.".

Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD.

3. Għandu jkun hemm mekkaniżmu nazzjonali ta' koordinazzjoni fi ħdan id-DDI, sabiex jiffaċilita azzjoni meħtieġa in konnessjoni mal-Att, f'setturi differenti u f'livelli differenti, skont l-Artikolu 33(1) tal-Konvenzjoni, imsejjaħ il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD, magħmul mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni Interdipartimentali, li għandu jissejjaħ "IDCC", u mill-Kumitat Inter-Ministerjali Amministrattiv dwar id-Diżabilità, li għandu jissejjaħ "IACD".

Is-segretarju.

4. (1) Il-Ministru wara konsultazzjoni mas-Segretarju Permanenti għandu jaħtar segretarju sabiex dan jagħmel xogħol neċessarju ta' natura amministrattiva u klerikali li jkun meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tal-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD.

(2) Tali ħatra għandha ssir għal perjodu ta' ħames (5) snin, u s-segretarju għandu jkun eliġibbli sabiex jerġa' jinħatar mill-ġdid meta jiskadi dak il-perjodu fil-kariga.

Tħassir tar-Regolamenti dwar l-Ippjannar u Żvilupp ta' Provvista tas-Servizzi Meħtieġa.
L.S. 413.02.

5. Ir-Regolamenti dwar l-Ippjannar u Żvilupp ta' Provvista tas-Servizzi Meħtieġa qegħdin permezz ta' dawn jiġu mħassra.

TAQSIMA II – KUMITAT TA' KOORDINAZZJONI INTERDIPARTIMENTALI

Il-Kumitat ta' Koordinazzjoni Interdipartimentali.

6. Għandu jkun hemm kumitat fi ħdan il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD fi ħdan id-DDI, imsejjaħ il-Kumitat ta' Koordinazzjoni Interdipartimentali "IDCC".

Il-kompożizzjoni.

7. (1) L-IDCC għandu jkun kompost mis-segwenti persuni:

(a) id-Direttur responsabbli għad-DDI jew ir-rappreżentant tiegħu, illi jkun ukoll iċ-Chairperson *ex officio* tal-IDCC;

(b) is-segwenti membri f'kapaċità *ex officio*:-

(i) is-Segretarju Permanenti jew ir-rappreżentant tiegħu;

(ii) il-Kap Eżekuttiv ta' Aġenzija Sapport jew ir-rappreżentant tiegħu;

(iii) il-Kap Eżekuttiv tal-*Awtorità* ta' *Standards* ta' *Ħarsien* Soċjali jew ir-rappreżentant tiegħu;

(iv) konsulenti dwar politika ingaġġati mad-DDI;

(2) Iċ-Chairperson jista' wkoll jistieden rappreżentanti ta' entitajiet governattivi oħrajn, fornituri ta' servizzi jew individwi fuq bażi *ad hoc* għal laqgħa speċifika, in vista ta' diskussjonijiet dwar materji speċifiċi fl-aġenda tal-laqgħa li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-involviment ta' tali rappreżentanti jew individwi:

Iżda dawn ir-rappreżentanti ma għandhomx ikollhom vot fil-każ li jittieħed vot u ma għandhomx jiġu kkunsidrat sabiex jintlaħaq il-*quorum*.

Il-laqgħat, *quorum* u l-votazzjoni.

8. (1) L-IDCC għandu jitlaqqa' miċ-Chairperson, u l-aġenda ta' laqgħa hekk kif ċirkolata lill-membri mis-Segretarju għandha tkun komposta minn wieħed (1) jew iktar mis-segwenti affarijiet:-

(i) punti mqegħda fuq l-aġenda miċ-Chairperson, wara talbiet minn membri tal-IDCC;

(ii) punti sostantivi relatati ma' leġislazzjoni, politika jew strateġija riferiti lilu mill-ENGAGE;

(iii) punti fuq l-aġenda li jkunu jsegwu minn punti li kienu diskussi fi stadju aktar kmieni;

(iv) rapporti ta' laqgħat tal-IACD u tas-sottokumitati tiegħu trażmessi lill-IDCC.

(2) Maġġoranza sempliċi tal-membri tal-IDCC għandha tikkostitwixxi *quorum*.

(3) L-IDCC għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' voti tal-membri li qed iservu li huma preżenti u li jivvutaw. F'każ ta' parità ta' voti, iċ-Chairperson ikollu d-dritt li jeżerċita l-*casting vote*.

(4) Iċ-Chairperson, assistit mis-Segretarju, għandu jieħu passi ta' segwitu sabiex jiżgura l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet adottati

f'laqgħa preċedenti tal-IDCC, billi jikkopera mal-entitajiet u l-individwi identifikati.

Ir-relazzjoni mal-ENGAGE.

9. L-IDCC għandu jirreferi l-punti prinċipali sostantivi kollha relatati ma' leġislazzjoni, politika jew strateġija miġjuba quddiemu lill-ENGAGE, għal deliberazzjoni dwar tali punti mill-ENGAGE, bir-riżultati ta' tali deliberazzjonijiet ikunu mwassla lill-IDCC.

TAQSIMA III – KUMITAT INTER-MINISTERJALI AMMINISTRATTIV DWAR ID-DIŻABILITÀ

Il-Kumitat Inter-Ministerjali Amministrattiv dwar id-Diżabilità.

10. Għandu jkun hemm kumitat fi ħdan il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD fi ħdan id-DDI, imsejjaħ il-Kumitat Inter-Ministerjali Amministrattiv dwar id-Diżabilità, li għandu jissejjaħ "IACD".

Il-kompożizzjoni, il-laqgħat u r-rappurtaġġ.

11. (1) L-IACD għandu jkun kompost mis-Segretarji Permanenti ta' kull Ministeru jew ir-rappreżentanti tagħhom, u d-Direttur responsabbli mid-DDI, u s-Segretarju Permanenti jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jkun iċ-Chairperson *ex officio* tal-IACD.

(2) L-IACD jista' jitlaqqa' miċ-Chairperson:-

(i) fil-formazzjoni sħiħa tagħha, b'minimu ta' żewġ (2) tali laqgħat jissejħu kull sena, fejn jiġu diskussi wkoll kwistjonijiet ġenerali u aġġornamenti; jew

(ii) billi ssejjaħ laqgħa li tlaqqa' flimkien Segretarji Permanenti speċifiċi jew ir-rappreżentanti tagħhom, skont in-natura tematika tal-punti fuq l-aġenda għal laqgħa speċifika tal-IACD.

(3) Iċ-Chairperson jista' jistieden ukoll rappreżentanti ta' entitajiet oħra jew individwi oħra fuq bażi *ad hoc* għal laqgħa speċifika, fid-dawl ta' diskussjonijiet dwar punti speċifiċi tal-aġenda għal-laqgħat li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-involviment tal-istess rappreżentanti jew individwi:

Iżda dawn ir-rappreżentanti ma għandhomx ikollhom vot fil-każ li jittieħed vot u ma għandhomx jiġu kkunsidrati sabiex jintlaħaq *quorum*.

(4) Iċ-Chairperson għandu jara li rapport tal-laqgħat kollha tal-IACD u tal-laqgħat tas-sottokumitati jiġu trasmessi lill-IDCC, permezz ta' sintesi bil-miktub, li mbagħad jiġu diskussi bħala punt speċifiku tal-aġenda fil-laqgħa skedata li jmiss tal-IDCC.

Is-sottokumitati.

12. (1) L-IACD jista' jirriżolvi li joħloq sottokumitati

permanenti jew *ad hoc* li jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi, skont ma l-IACD tista' tiddeċiedi, minn żmien għal żmien.

(2) It-termini ta' referenza u l-proċeduri operattivi għas-sottokumitati jistgħu jiġu deċiżi mill-IACD, jew ippromulgati permezz ta' regolamenti speċifiċi.

(3) Il-Bord Inter-Ministerjali Interdixxiplinarju u Professjonali dwar id-Diżabilità, li għandu jissejjaħ "IIPBD", qiegħed jiġi stabbilit bħala sottokumitat permanenti tal-IACD kif ġej:-

(a) il-funzjonijiet tal-IIPBD għandhom ikunu kif ġej:

(i) li jservi bħala l-fergħa professjonali tal-IACD;

(ii) li jidentifika n-natura u l-firxa tas-servizzi meħtieġa fir-rigward ta' kull kundizzjoni li tikkontribwixxi għal diżabilità f'etajiet differenti, sabiex jikkontribwixxi għall-kumpilazzjoni ta' pjanijiet individwali ta' appoġġ għas-servizzi tul il-ħajja;

(iii) li jiżviluppa valutazzjoni komparattiva ta' Referenza fir-rigward ta' kull kundizzjoni li tikkontribwixxi għal diżabilità skont il-koorti tal-età;

(iv) li jirrevedi l-parametri tal-valutazzjoni komparattiva ta' referenza kull sentejn (2) permezz tal-użu ta' metodi u kampjuni kif maqbul mill-IIPBD;

(v) li jippromwovi l-użu ta' għodod standardizzati bbażati fuq l-evidenza f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq il-Konvenzjoni;

(vi) li jżomm l-IACD aġġornat dwar l-iżviluppi permezz tas-sottomissjoni ta' rapport ta' progress darba kull sitt (6) xhur fl-aħħar ta' Ġunju u fl-aħħar ta' Diċembru;

(vii) li jagħti pariri lill-IACD dwar l-introduzzjoni ta' servizzi ġodda għal persuni b'diżabilità;

(viii) li jindirizza kwalunkwe rekwiżit ieħor li jista' jevolvi mid-deċiżjonijiet meħuda mill-IACD.

(b) il-kompożizzjoni tal-IIPBD għandha tkun kif ġej:-

(i) Chairperson maħtur mis-Segretarju Permanenti;

(ii) fiżjoterapista ewlieni nominat mill-Ministeru

responsabbli għas-saħħa;

(iii) occupational therapist ewlieni nominat mill-Ministeru responsabbli għas-saħħa;

(iv) terapista tad-diskors u tal-lingwa ewlieni nominat mill-Ministeru responsabbli għas-saħħa;

(v) managing psychologist nominat mill-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni;

(vi) uffiċjal ewlieni (mhux taħt skala 5) b'għarfien fil-qasam tad-diżabilità nominat mill-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni;

(vii) zewġ (2) uffiċjali ewlenin mill-Aġenzija Sapport, li għandhom sfond professjonali, nominati mis-Segretarju Permanenti:

Iżda ċ-Chairperson jista' jistieden professjonisti oħra għal laqgħa speċifika, meta l-għarfien espert ta' tali professjonisti jkun ta' benefiċċju għad-diskussjoni fir-rigward ta' punt speċifiku tal-aġenda matul tali laqgħa.

Ir-relazzjoni mal-Ministeru.

13. Id-deċiżjonijiet tal-IACD għandhom jiġu riferuti miċ-Chairperson lill-Ministru, għal deliberazzjonijiet u deċiżjonijiet ulterjuri fuq livell politiku, inkluż referenza eventwali lill-Kabinett tal-Ministri.

TAQSIMA IV – PROTEZZJONI TAD-DATA

Il-poter li tintalab informazzjoni.

14. Id-DDI, l-IACD, u s-sottokumitati kollha tal-IACD fit-termini tar-regolament 12 għandhom, fil-qadi ta' dmirijiethom, il-poter li jitolbu lil kwalunkwe istituzzjoni governattiva, aġenzija tal-Gvern, awtorità pubblika, istituzzjoni edukattiva, istituzzjoni tas-saħħa, entitajiet privati jew fi sħubija soċjali mal-Gvern u organizzazzjonijiet volontarji kemm reġistrati kif ukoll xort'oħra li joffru servizzi fil-qasam tad-diżabilità, li jipprovdulhom l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-qadi tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħhom:

Iżda ħlief, sa fejn hu meħtieġ għall-qadi xieraq tal-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħhom, l-uffiċjali fi ħdan id-DDI, l-IACD, u s-sottokumitati kollha tal-IACD għandhom ikunu marbuta bis-segretezza fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni provduta lilhom taħt dawn ir-regolamenti, għandha tkun trattata bħala sigrieta, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 133 tal-Kodiċi Kriminali għandhom ikunu applikabbli kemm-il darba jkun hemm ksur volontarju ta' tali dover:

Kap. 9.

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-uffiċjali kollha tad-DDI, tal-IACD, u tas-sottokumitati kollha tal-IACD għandhom jieħdu l-ġurament tas-segretezza.

L-ipproċessar ta' data personali. Kap. 586.

15. (1) Xejn f'dawn ir-regolamenti ma għandu jippreġudika l-applikabbiltà tar-Regolament (UE) 2016/679 u tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data inklużi kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data.

(2) Il-Ministeru responsabbli għad-diżabilità u għall-iżvilupp ta' dan is-settur, li jkun qiegħed jaġixxi fil-kapaċità tiegħu ta' kontrollur fir-termini tal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679, għandu jwettaq l-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data rilevanti li huma strettament meħtieġa għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Fejn id-data personali trasferita lill-kontrollur permezz ta' dawn ir-regolamenti tkun tinkludi data ulterjuri minn dik meħtieġa għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kontrollur għandu jħassar tali data minnufih.

(4) L-ipproċessar ta' data personali għall-finjiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jikkonforma mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/679, u tali data personali ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorament b'mod inkompatibbli mal-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(5) L-ipproċessar ta' data personali għall-finjiet ta' riċerka u ta' statistika għandu jkun soġġett għal salvagwardji xierqa skont ir-Regolament (UE) 2016/679, għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data. Dawn is-salvagwardji għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ miżuri tekniċi u organizzattivi b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata konformità mal-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data kif stipulat fl-Artikolu 5(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 2016/679, liema miżuri jistgħu jinkludu l-psewdonimizzazzjoni.

Is-salvagwardji xierqa.

16. (1) Il-kontrollur, filwaqt li jikkunsidra n-natura, l-ambitu, il-kuntest, u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskju ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, kemm fiż-żmien tad-determinazzjoni tal-mezzi għall-ipproċessar kif ukoll fiż-żmien tal-ipproċessar innifsu, għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, b'mod effettiv u sabiex jintegraw is-salvagwardji meħtieġa fl-ipproċessar, biex jipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-data u jiżgura livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju.

(2) L-uffiċjal għall-protezzjoni tad-data maħtur mill-kontrollur fit-termini tal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu jkun involut u konsultat kif dovut u mingħajr dewmien fil-kwistjonijiet

kollha li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data personali pproċessata għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Għall-finijiet li jiġi żgurat u jkun jista' jintwera li l-ipproċessar tad-data jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, il-kontrollur għandu jimplimenta l-politiki adatti dwar il-protezzjoni tad-data, liema politiki għandhom jiġu perjodikament rieżaminati u aġġornati fejn meħtieġ.

Il-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data.

17. Fir-rigward tal-ipproċessar kollu ta' data personali skont dawn ir-regolamenti, kull suġġett tad-data għandu jkollu d-dritt għall-aċċess, għar-rettifika, għat-tħassir u għar-restrizzjoni, inkluż id-dritt li jressaq ilment quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, id-dritt għall-kumpens u rimedju ġudizzjarju effettiv kif stabbilit fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u r-Regolament (UE) 2016/679.